MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tas-27 ta' April, 2007

Talba Numru. 619/2006

**Talba Nru: 619/06VGD**

Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)

Vs

Carmen Zammit (Id. 471764M)

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet il-hlas tas-somma ta’ seba mija, tlieta u sittin lira Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm763.24c) rapprezentanti bilanc ghad-debitu fil-‘loan account’ tal-

konvenuta mas-socjeta' attrici, u minkejja li l-konvenuta giet interpellata diversi drabi, naqqset li thallas l-ammont dovut. Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-14 ta' Marzu 2005 u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigi prezentat kontestwalment ma l-Avviz, u bl-imghax mis-26 ta' Gunju 2006 sal-jum tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Sema' x-xhieda ta' Joseph Borg Cardona prodott mis-socjeta' attrici.

Ra l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna l-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba mija, tlieta u sittin lira Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm763.24c), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha kif mitluba ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------